Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 178/1995

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ray Zammit)**

**Vs**

**Maria Isabella sive Marisa Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li biha Maria Isabella sive Marisa Camilleri giet imputata talli f’Jannar 1994 u fix-xhur ta’ qabel, fil-Lukanda Park, f’Tas-Sliema,
a) ppermettiet jew uzat xi stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji ohra, provduti minn TeleMalta, ghal ghanijiet barra minn dak li ghalihom ikunu provduti, meta kienu kkonnetjati ma’ recorder,

b) biddlet, ghamlet, ipposediet xi apparat, recorder, li bih tkun tista’ tikkonnettja kontra l-ligi ma sistema ta’ telekomunikazzjoni,

c) approfittat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal haddiehor, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obligu li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu tal-Korporazzjoni Telemalta.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-22 ta' Mejju 1995 (fol 3 tal-atti) u li bih saret il-korrezzjoni u zieda kif rizultanti mill-istess verbal.

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni in konnessjoni mal-istess citazzjoni. Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 132 tal-istess atti) u li biha, billi deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputata a basi ta' din il-kumpilazzjoni, taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 43, 48 tal-Kap. 250;
b) Fl-artikolu 298(A) tal-Kodici Kriminali;
c) Fl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali;

baghat lill-imputata sabiex tigi gudikata minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti taghha.

Ghamlet dak mitlub mill-Avukat Generali kif rizultanti mill-istess nota (fol 133 ibid u fol 151 ibid).

Semghet lill-akkuzata tiddikjara li ma ghandhiex oggezzjoni sabiex tigi gudikata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-akkuzata in kontroezami kif ukoll in ezami.

Semghet it-trattazzjoni (ara ukoll fol 180 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficjal Prosekutur (fol 10 et seq ibid) spjega illi kien sar rapport bil-miktub minn certu John Scicluna li allega li kien sar 'telephone tapping' fil-lukanda koncernata u fejn kien impjegat bhala "head of maintenance". Fl-istess

rapport ossija ittra, l-imsemmi John Scicluna qal li dan kien irrizultalu mill-investgazzjoni li hu kien ghamel, anke mal-kollegi tieghu in konnessjoni ma 'tape recorder' u 'socket'. Sussegwentement, ix-xhud kien tkellem ma John Scicluna u oltre li kien ikkonferma l-kontenut tal-ittra msemmija, kien gablu ukoll kopja ta' 'cassette tape' (Dok RZ1) li hu kien ha mit-"tape recorder" imsemmi. L-istess John Scicluna kompla billi qal li kien tkellem mal-akkuzata kif ukoll ma missier din izda t-tnejn innegaw li kienu nvoluti f'dan il-kaz. L-istess xhud spjega ukoll illi, meta kien mar fil-lukanda in kwistjoni, hu ma kien sab l-ebda registratur li seta' kien konness ma' dan il-kaz. Inoltre hu kien tkellem mal-akkuzata, li kienet tahdem bhala 'receptionist' u din kienet tahdem kollox. L-istess akkuzata kienet irrilaxxat stqarrija bil-miktub esebita in atti a fol 19 u markata Dok RZ2. Sadattant, hu kien tkellem, oltre ma John Scicluna, ma impjegati ohrajn tal-istess lukanda cjoe John Bellizzi, Arthur Thomas u Mario Micallef u kienu indikaw lix-xhud illi kienu raw 'tape recorder' (registratur) f'kamra fl-istess lukanda u fejn kien isir il-manutenzjoni tad-dawl, liema registratur kien fuq 'switch board'. Pero' meta hu kien mar jivverifika f'din il-kamra, hu kien sab 'switches' izda l-ebda registratur. Inoltre x-xhud spjega ukoll illi l-Inginier Salvino Gatt u l-bniedem tekniku Emanuel Abela, mibghuta mill-Korporazzjoni Telemalta, kienu taw lix-xhud apparat li kien instab minnhom fil-kamra li ssemmiet cjoe 'socket' (DOk RZ3). Dwar dan l-apparat, Mario Micallef gja msemmi, kien informa lix-xhud li kien installa 'socket' simili fl-istess karma. Hawnhekk ix-xhud spjega li dan Mario Micallef hu filfatt 'technician' li jahdem ma' ditta privata bl-isem ta' "SICOM" u kien gie inkarigat "mill-awtoritajiet tal-lukanda" sabiex jwahhal 'socket' u dwar dan ix-xoghol kien jikkomunika mal-akkuzata. Inoltre l-istess Mario Micallef kien biegh registratur lill-akkuzata u installah kif jidher miz-zewg dokumenti a fol 23 u fol 24 tal-istess atti. Hawnhekk, hu kien rega' interroga lill-akkuzata u din irrilaxxat l-istqarrija bil-miktub markata Dok RZ5 a fol 25 sa fol 26. In rigward il-kopja ta' 'cassette tape' esebit bhala Dok RZ1 (ara "supra"), l-istess John Scicluna kien gharaf, fuq l-original ta' din ir-registrazzjoni, l-vuci tieghu waqt konversazzjoni li kellu ma' mara ohra, liema konversazzjoni kienet saret minn 'coin box' fl-istess

lukanda liema 'coin box' ossija 'pay phones' hi wahda minn fost tlieta stallati hawnhekk. Difatti r-registratur kien jattiva ruhu in konnessjoni ma wiehed minn dawn il-'pay phones', sitwati fil-pjan terren u accessibbli ghall-pubbliku.

Ikkunsidrat
Illi in sostenn ta' dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur gew prodotti s-segwenti provi:-

a) Salvino Gatt (fol 27 et seq ibid) li, bhala enginier mal-Korporazzjoni Telemalta, kien mar, flimien mal-ufficjal tekniku Emanuel Abela fl-istess lukanda u hawnhekk l-akkuzata kienet baghtet persuna ohra sabiex takkumpanjhom f'kamra fejn hemm l-apparat in konnessjoni ma linji ta' telefon. Ix-xhud innota li l-bieb kien imsakkar u dan infetah mill-impjegat li kien qed jakkumpanjhom. F'din il-kamra, pjuttost zghira kien hemm, stallat, il-'private automatic branch exchange' (p.a.b.x.) oltre 'outlet box'. Hawnhekk gew fuq il-post zewg "linemen" ukoll sabiex tkun tista' tigi ezaminata din l-'outlet box'. Ix-xhud kompla jghid illi hu kien ra li, fl-istess lukanda, kien hemm installati tlett 'coin boxes' u hu kien sab u skopra li l-'outlet box' kienet imwahhla 'parallel' mal-linja tat-telefon ta' wahda minn dawn il-kaxxi bi hlas. Inoltre, in rigward l-istess 'outlet box' (ara l-anness Dok RZ3), wahda bhal din ma' kienetx provduta lin-nies in generali mill-istess Korporazzjoni izda tinsab, ghal bejgh, minn terzi.

b) Emanuel Abela, imsemmi mix-xhud precedenti, xehed (fol 31 et seq ibid) u ikkonferma dak li qal ix-xhud precedenti.

c) John Scicluna (fol 35 u fol 75 et seq ibid) li kien ghamel ir-rapport kif hawn fuq imsemmi spjega illi l-istess rapport kien jirreferi ghal "telephone tapping" u "recording" minn fuq "pay phone" numru 343318, installat fil-"leisure centre" tal-lukanda involuta, fejn kien impjegat sakemm gie licenzjat fl-14 ta' Gunju 1994, aktarx minhabba dan il-kaz izda gew spjegati lilu erba' (4) ragunijiet ohra ghal dan il-licenzjament, kif spjegat fl-istess xhieda. Hu kompla jghid illi fit-13 ta' Jannar 1994, Arthur Thomas kien qallu illi

telefonati kienu qed jigu registrati mill-kamra fejn kien jinsab l-apparat tat-“telephones” fl-istess lukanda. Ghalhekk hu kien mar flimkien ma Arthur Thomas u impjegat iehor, Arthur Bellizzi f’din il-kamra. F’din il-kamra, hu sab registratur ta’ kulur iswed fuq “connection box” u fih kien hemm “cassette tape”. Meta beda jisma’ dan it-“tape”, hu sema’ l-vuci tieghu. Inoltre wara li skopra “bin-numri relattiv ghal(l-) ‘wire’ li seta’ kien involut”, hu kien inkariga lil Arthur Thomas sabiex jaghmel telefonata fuq l-apparat involut sitwat fil-“leisure room” u “…l-istess ‘tape recorder’….gie attivat…”. Ghalhekk, hu qala it-‘tape’ u mar jitkellem, dwar dak li sab, lill-‘general manager’ tal-istess lukanda certu Pace Bonello. Inoltre, wara li ghadda certu zmien, hu kien cempel lil wiehed mill-impjegati sabiex jiehu s-“serial number” tar-registratur izda dan informah li dan l-apparat ma kienx aktar fil-post fejn kien. Wara li ghaddiet xi gimgha, hu u Vincent Camilleri kienu tkellmu flimkien fuq din il-kwistjoni u l-motiv u raguni u dak li kien sar. Inoltre, l-imsemmi Mario Micallef dwar l-istess kwistjoni u dan kien qallu “….mur kellem lil Marisa” waqt li semma r-raguni li din kienet qaltlu. Dwar it-‘tape’ li ttiehed mix-xhud, dan kien inzamm minnu avolja kien intalab lura minn Vincent Camilleri u filfatt gie esebit f’dawn l-atti u market Dok RZ1A. L-istess xhud semma’ li in rigward it-‘tape’ imsemmi, hu kien tkellem mhux mal-akkuzata izda ma’ missier din, dejjem l-istess Vincent Camilleri, li kien qallu li hu kien responsabbli ghal dak kollu li jigri fl-istess lukanda u li l-akkuzata kienet ghamlet dak li ghamlet mhux “….b’xi skop” u “…li kienet ghamlet dan minghajr skop”. Hawhekk ix-xhud ta’ l-<u>opinjoni</u> tieghu dwar ir-raguni l-ghala l-akkuzata kienet qed tirregistra dak kollu li jintqal fuq it-‘telephone box’ numru 343318, u semma li din kienet taf li hu kien juza l-istess ‘pay phone’ u <u>fil-fehma tieghu</u>, l-istess akkuzata kellha “…xi interess personali sabiex isir dak li sar” u “….forsi kellha xi skop, bhala rikatt” (ara, ghal kill bon fini, fol 48 tal-atti l-ewwel paragrafu dwar dan il-punt). Inoltre x-xhud spjega li, mill-istess ‘phone box’ bi hlas, hu kien jcempel lil “…certu wahda partikolari “mara” li maghha kien jikkoabita waqt li kien separat minn martu. Izda, qabel dejjem dan il-kaz, hu kellu relazzjoni ma’ mara u difatti fuq l-istess ‘tape’ hemm registrata l-vuci ta’ din il-mara, flimkien ma konversazzjoni ohra ma

persuni differenti. Fl-ahharnett kif digja ssemma hu ezebixxa t-'tape' fl-original, "kopja originali" tar-rapport lill-Pulizija (fol 79 sa fol 90 ibid) oltre xi dokumenti ohrajn, specjalment it-"twissijiet" li nghata minn min kien qed jimpjegah (Dok JS1 a fol 92 et seq ibid).

d) Paul Busuttil (fol 52 et seq ibid) spjega bhala "assistant principal" mal-istess Korporazzjoni, li l-lukanda involuta ghandha diversi linji ta' 'telephone' (ara fol 55 ibid). Fosthom hemm wahda komnikata ma' 'coin box' bin-numru 343318 u li giet stallata fuq talba ta' Vincent Camilleri. In rigward l-akkuzata, din kienet involuta fil-ftehim meta gew installati linji ohra u dan bhala "…the daughter of the owner". Hu semma, ukoll, illi fil-'file' ma kien hemm ebda rapport dwar il-'coin box' involuta.

e) Joanna Genovese dwar il-'memorandum and articles of association' tas-socjeta li tiggestixxi l-istess lukanda (fol 56 sa fol 59 ibid).

f) John Bezzina (fol 60 et seq ibid) li flimkien ma Salvu Buhagiar (fol 63 et seq ibid) kien intbaghat sabiex jassisti fuq il-post lill-Inginier Salvino Gatt u lill-ufficjal tekniku Emanuel Abela u ikkonferma dak li xehed l-istess Inginier.

g) Arthur Thomas (fol 65 et seq ibid) ikkonferma li kien informa lil John Scicluna, li kien il-kap tieghu fis-sezzjoni tal-manutenzjoni fl-istess lukanda, illi fil-kamra in kwistjoni kien hemm "kaxxa" deskritta minnu bhala "segreterija telefonika". Hawhekk John Scicluna kien qallu sabiex jmur jcempel minn 'telephone box' partikolari sitwata fl-istess lukanda imbaghad minn tnejn ohra, f'partijiet ohra dejjem fil-lukanda (ara ukoll ix-xhieda ta' John Bellizzi a fol 107 et seq ibid).

h) Mario Micallef (fol 71 et seq ibid) azzjonista u direttur tas-socjeta "Sicom Limited" spjega illi l-original tad-dokumenti a fol 23 u fol 24 tal-atti kienu fil-pussess tieghu u kienu inkitbu u ffirmati minnu. L-istess dokumenti kienu jirreferu ghax-xiri ta' registratur normali u dwar dan hu qal illi "…wisq probabbli l-ordni kienet ghamlitha l-istess Marisa Camilleri" (l-akkuzata). Pero hawnhekk ix-xhud

sahaq illi fuq id-dokumenti in ezami hemm zball fis-sens illi hu kien involut, biss, fil-konsenja ta' dan l-apparat izda mhux fl-installazjoni tieghu. In rigward l-istess apparat hu qal li dan jista' jigi komunikat ma' linja ta' telefon u jigi attivat fuq l-istess linja tibda' tahdem.

i) L-ahhar xhud tal-Prosekuzzjoni qabel il-hrug tal-"artikoli" Donald Pace Bonello (fol 128 et seq ibid) spjega kif John Scicluna kien hadu fil-kamra in kwistjoni u kien urielu registratur minghajr 'tape' waqt li qallu illi dan l-apparta kien komunikat ma "public telephone booth" fl-istess lukanda. Wara li John Scicluna kien qallu li kien hemm involuta l-akkuzata, ix-xhud tkellem ma' Vincent Camilleri. Dwar l-imsemmi 'tape' John Scicluna ken irrifjuta li jaghtih lix-xhud.

Ikkunsidrat

Illi, pero, wara l-hrug tal-"artikoli" mill-Avukat Generali, il-Prosekuzzjoni semmiet illi f'dan il-kaz, ma kienx hemm bzonn ta' kwerela daparti tal-Korporazzjoni u fl-ahhar tal-istess "artikoli" (fol 133 ibid) hemm mitlub konferma tal-kwerela. Ghal dan il-ghan, gie prodott John Camilleri (fol 152 et seq ibid) u dan bhala "chairman" tal-istess Korporazzjoni u dan ikkonferma illi wara r-rizultanzi ta' investigazzjoni nterna, dawn ntbaghtu lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi u filfatt hu wera x-xewqa lill-Qorti sabiex dawn il-passi jittiehdu kontra l-akkuzata "fejn hija nvoluta l-Korporazzjoni Telemalta".

Ikkunsidrat
Illi, in difeza, gew prodotti:-

a) Salvino Gatt (in kontroezami a fol 167 et seq ibid). Dan semma' illi "il-'coin boxes' li rajt ma jidhirliex li kienu 'pay phones'" b'dawn tal-ahhar "…setghu kienu tal-privat" u spjega illi "…it-Telemalta kellha biss 'card phones'" fiz-zmien in kwistjoni. Hu kompla jghid illi f'kaz ta' 'coin box', il-flus jittiehdu mill-proprjetarju li jkun xtara dan l-apparat u skond hu trattasi ta' dan l-apparat, dan ma kienx jappartjeni lill-Korporazzjoni. Izda xorta wahda, l-linji jkunu

tal-Korporazzjoni li ghalhekk ghandha tithallas skond il-‘pulses’.

b) Mario Micallef (ukoll in kontroezami a fol 170 et seq ibid) semma illi registratur bhal dak involut u mibjugh minnu seta’ jinheba f’kamra bhal dik fejn gie stallat. Dwar l-istess karma li kienet tkun imsakkra, din kienet tinfetah minn “…xi hadd mill-istaff…” tal-lukanda inkluz “…ghand tal-‘maintenance’”.

c) Carmel Cuschieri (fol 174 et seq ibid) inginier konsulent tal-istess lukanda u li kien iddisinja s-sistema tat-telefon go fiha, irrefera ghal karma in kwistjoni bhala wahda zghira (hames (5) piedi b’ hames (5) piedi) bic-cavetta tinzamm mir-‘receptionist’. Sabiex jidhol hu, hu kien jinforma lil min hu addett ghall-manutenzjoni sabiex dan jiftah il-bieb li kien ikun msakkar. Hu semma ukoll il-‘phone booths’ bil-linji taghhom jghaddu mill-istess kamra u bil-Korporazzjoni tibghat il-kontijiet relattivi ghalihom, liema “booths” jithaddmu b’muniti. Dwar dan il-kaz, kien l-istess John Scicluna li infurmah bih u skond ix-xhud, John Scicluna “…taghni x’nifhem li hu kien qed jistenna xi forma ta’ kumpens” u li “…it-‘tape’ intuza fil-kwistjoni li kellu mal-mara”.

Ikkunsidrat
Illi a fol 19 u fol 25 jinstabu zewg stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzata izda dawn, ftit li xejn, huma ta’ ghajnuna f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat
Illi dwar il-fatti kif rizultanti mill-provi kif esposti, jkun opportun illi tigi konsiderata ix-xhieda moghtija minn John Scicluna, s’intendi, abbinata ma dik sottomessa minn Salvino Gatt flimkien ma Emanuel Abela u minn Mario Micallef flimkien maz-zewg dokumenti esebiti in atti a fol 23 u fol 24, illi:-

a) Saret komunikazzjoni bejn il-‘coin box’ bin-numru hawn fuq specifikat u registratur u li permezz tieghu setghu jigu registrati konversazzjonijiet telefonici li jsiru

fuq l-istess ‘phone box’, liema registratur kien jigi attivat kif dan l-apparta jigu uzat.

b) In rigward min seta’ ghamel dan, permezz taz-zewg dokumenti a fol 23 u fol 24 u x-xhieda ta’ Mario Micallef, wiehed jista’ jikkonkludi, minghajr ebda’ dubbju illi kienet l-akkuzata li akkwistat l-imsemmi apparat u li dan gie installat fuq inkarigu taghha stess. In konessjoni ma dan, il-Qorti ssibha difficli sabiex temmen dak li qal Mario Micallef, dwar l-installazjoni tal-istess apparat fis-sens illi kien bi zball, illi fuq l-istess dokument tnizzel “…installation”.

c) Effettivament saret registrazzjoni ta’ konversazzjonijiet bil-metodu kif deskritt, fosthom dak li semma l-istess John Scicluna fix-xhieda tieghu u rizultanti mill-kopja ta’ ‘cassette’ anness mal-atti (Dok RZ1 u Dok RZ1A).

Ikkunsidrat
Illi mill-lat legali, l-akkuzi huma bazati duq il-Kodici Kriminali ossija l-artikoli 293 u 298A kif ukoll fuq il-Kapitolu 250 citat skond l-artikoli 43 u 48 ta’ din il-ligi.

Illi, dwar l-artikolu 293, dan jirregola l-approprijazzjoni indebita ossija bla jedd u fost l-elementi ta’ dan ir-reat huwa mehtieg dak ta’ profitt. Dwar dan il-Qorti tara li ma rrizultax b’mod car x’kienet ir-raguni tal-_______ ta’ dak li gara jew l-intenzjoni ta’ minn ikkometta il-fatti in ezami. Ghalhekk ma tistax tghid jekk l-istess fatti saru bl-intenzjoni ta’ xi profitt (“________”) fit-test Ingliz. Ghalhekk il-Qorti issibha difficli li ssib lill-akkuzata hatja ta’ dan ir-reat.

Illi dwar l-artikolu 298A, l-akkuzata ma tistax tigi ritenuta li kkommettiet dak imnizzel fis-sub inciz (a) stante li hemm nieqes l-element ta’ qligh, kif digja inghad, jew ta’ kummerc. Pero’ ma hemm ebda dubbju li l-akkuzata xtrat u ghamlet apparat li bih setghet tikkonnettih, kontra l-ligi, ma sistema ta’ telekomunikazzjoni u ghalhekk dan il-kaz jinkwadra ruhu taht is-subinciz (b).

Illi dwar l-akkuzi taht l-artikoli 42 u 48 tal-Kapitolu 250 citati liema att jidher li gie abrogat, l-ewwel artikolu citat kien jghid “Ebda persuna ma ghandha tuza xi stallazzjoni, apparat, strumenti jew accessorji ohra provduti minn Telemalta ghal ghanijiet barra minn dak li ghalihom ikunu provduti” u kull persuna li tikser din id-disposizzjoni tkun hatja ta’ reat kontra l-istess att. Fil-kaz in desamina, tirrizulta kif digja sar accenn, registratur komunikat ma linji provduti minn din il-Korporazzjoni bil-ghan hawn fuq imsemmi. Certament l-agir tal-akkuzata jinkwadra ruhu perfettament taht dan l-artikoli billi kienet hi li akkwistat l-istess registratur u dan gie stallat fuq inkarigu taghha sabiex, ghal xi raguni mhux cara, jigu registrati konversazzjonijiet privati meta jintuza il-‘pay phone’ involut. Konsegwentement, l-akkuzata tista’ tinstab hatja biss ta’ din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li ssib lill-akkuzata mhux hatja tal-akkuzi migjuba taht il-Kodici Kriminali, ssibha hatja talli uzat stallazzjoni, apparat, strumenti jew accessorji ohra provduti minn Telemalta ghal ghanijiet barra minn dak li ghalihom ikunu provduti skond l-artikoli 43 u 48 tal-Kapitolu 250 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, wara li kkonsidrat li l-akkuzata kellha fedina penali netta sa dan il-kaz kif ukoll li l-Att imsemmi gie abrogat, il-Qorti ser tikkundanna lill-akkuzata bhala ‘a first offender’ u tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta (gja artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-istess ligijiet) u Tordna li l-akkuzata tigi liberata minghajr kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------